# Ir-Rabta ta' Santa Katarina ta' Lixandra u ż-Żejtun

Kitba tas-Sur Joe Mercieca

Il-qaddisa Santa Katarina ta' Lixandra mietet fis-sena 350 wara Kristu. Madwar id-dinja kollha, ma teżisti l-ebda kitba dwar il-ħajja u l-mewt tal-martirju ta' din il-qaddisa, li jmur lura sa dak iż-żmien, li fih kienet tgħix Santa Katarina. Dan jgħodd l-istess għal tant mijiet ta' qaddisin li mietu fl-ewwel sekli b'mod partikulari matul l-għaxar persekuzzjonijiet tal-ħakma rumana. Nafu żgur, li fi żmien l-Imperatur Ruman Deoklezjanu fis-sena 303 wara Kristu, kien ordna biex tinqered kull kitba jew atti dokumentati tal-insara, li kienu jirrakkontaw il-ħajja jew il-martirju ta' ħuthom li kienu mietu qabilhom. Dan għamlu biex tinqered kull memorja tal-martri u fl-istess ħin tiskuraġixxi lil dak li jkun li jħaddan il-fidi nisranija. L-insara stess kienu mitluba jobdu lill-Imperatur, għalkemm min kien jagħmel dan, kien jissejjaħ traditur u imkeċċi mill-komunita nisranija. Hekk nistgħu nifhmu, kif illum ma jeżistux xi forma ta' dokumenti li jmorru għal dawk ż-żminijiet li fihom għexet Santa Katarina. Għalhekk dak li nafu fuq l-ewwel nsara qaddisin ta' l-ewwel sekli tal-Knisja, nafuh lit-tradizzjoni ħajja, li l-ewwel nsara xandru bil-kelma minn ġenerazzjoni għal oħra sakemm fis-seklu sitta bdew jidhru l-ewwel kitbiet.

**Il-qima u d-devozzjoni lejn Santa Katarina fil-Lvant**

Din il-qaddisa kienet tgħix f'waħda mill-iżjed bliet importanti tad-dinja ta' dak iż-żmien, Lixandra. Huwa żgur, li kemm il-personalita, l-għerf u l-martirju li ħadet għat-twemmin tagħha ġibdu l-attenzjoni tan-nies li kienu jgħixu madwarha. Wara mewtha l-popolarita żdiedet bil-bosta kemm f'Lixandra kif ukoll 'l barra mill-port ta' l-istess belt. Fis-seklu 7 wara Kristu minħabba l-invażjoni tas-Saraċini fl-Eġittu, il-fdalijiet ta' Santa Katarina ttieħdu lejn il-Monasteru fuq il-muntanja Sinai. Dan il-monasteru kien nbena mill-Imperatur Justinu (527-565) u llum nafuh bħala l-Monasteru ta' Santa Katarina, għaliex fih jinsabu il-fdalijiet ta' din il-qaddisa li jinsabu ndukrati sewwa mill-patrijiet Ortodossi Griegi. Huma jinsabu fil-knisja ta' dan il-monasteru, li nbniet bejn is-snin 548-565. Matul is-snin ħafna personalitajiet marru jżuru l-qabar ta' Santa Katarina u magħhom ħadu lura f'pajjiżhom it-tifkiriet ta' din il-qaddisa. Hekk nistgħu ngħidu li żdiedet il-fama u xterdet il-qima u l-qdusija ta' din il-martri ta' Lixandra. Hekk ukoll matul is-snin, f'dan il-monasteru bil-ħidma għaqlija tal-patrijiet, issawret librerija b'ħafna dokumenti u kitbiet fosthom kopji tal-ewwel 'Passio' (iġifieri rakkonti popolari) dwar il-ħajja u martirji ta' dawk l-insara li kienu l-aktar popolari bħal Santa Katarina. Dawn il-'Passio' insibuhom miktuba bil-Grieg, bil-Latin kif ukoll bl-Għarbi. Kollox ma' kollox dan juri biċ-ċar li Santa Katarina mhux biss l-fdalijiet tagħha kienu mħarsa, imma ukoll il-kitbiet dwarha.

**Il-qima u d-devozzjoni lejn Santa Katarina f'Malta**

Hawn forsi ta' min jistaqsi: kif l-isem ta' din il-qaddisa ta' Lixandra wasal fuq il-gżira ta' Malta? Sakemm il-gżejjer Maltin kienu taħt ir-Rumani ftit li xejn kien hemm il- possibilta li f'Malta tidħol xi forma ta' kult lejn il-martri tal-Lvant. Iżda ġara li meta l-gżejjer Maltin saru parti mill-provinċja ta' Sqallija l-affarijiet inbidlu, għax għall-ħabta tas-sena 756 din il-provinċja għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni ekklesjastika ta' Kostantinopli. Dan kien ifisser li kien possibli li xi membri tal-knisja minn Sqallija ġabu magħhom f'Malta xi devozzjonijiet ta' dawk il-qaddisin popolari fost l-insara Sqallin. Hawn ta' min ifakkar ukoll, li billi Malta kellha portijiet kennija, ħafna baħħara tal-kummerċ kienu jfittxu l-kenn jew il-mistrieħ waqt il-vjaġġi tagħhom f'Malta. Sakemm dawn kienu jdumu hawn kienu jitkellmu mhux biss fuq il-kummerċ imma kienu jirrakkontaw stejjer dwar twemminhom u dwar dak kollu li jkun seħħ jew qed iseħħ f'artijiet oħra. Hekk b'dawn il-modi, fost l-abitanti fil-gżejjer Maltin inżergħet l-ewwel żerriegħa dwar il-martri qaddisin

fosthom Santa Katarina. Imma matul il-miġja tal-Għarab f'Malta (870-1090) it-twemmin nisrani ħa daqqa ta' ħarta. Għalkemm l-Għarab ma' ġiegħlux lil Maltin jiċħdu twemminhom, dawn ċivilment dejjem kienu meqjusa anqas minn dawk li kienu misilmin. Infatti kellhom jagħrfu li l-gvern tagħhom kien musulman u kellhom ukoll iħallsu l-ħaraġ ta' sitt irbgħajja fis-sena. Hawn min jgħid, li Malta sakemm telqu l-Għarab saret qisa art tal-missjoni għax ħafna kienu dawk li telqu l-fidi nisranija u ħaddnu t-twemmin musulman.

**L-ewwel kappella ta' Santa Katarina fiż-Żejtun**

Sakemm telqu l-Għarab minn Malta, ma' nafu xejn jekk fejn hemm illum il-knisja l-qadima ta' Santa Katarina, kienx hemm xi forma ta' kappella. Jien nemmen li kien hemm, għaliex fin-nofs tas-seklu ħdax, meta l-popolazzjoni tal-Maltin bdiet tikber u tinfirex 'l bogħod mill-katidral tal-Imdina, li kien l-unika knisja parrokkjali għal Malta kollha, il-Maestro Cappellano tal-katidral ħass il-ħtieġa li jibgħat xi saċerdoti fl-irħula biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet pastorali u spiritwali ta' dawk in-nies. Hawn insibu l-ewwel kappelli jew knejjes filjali b'saċerdot responsabbli imsejħa 'Viċi-Kurati' suġġetti dejjem lejn il-katidral tal-Imdina. M'hemmx dubju li waħda minn dawn il-kappelli kienet dik taż-Żejtun li kien l-aktar raħal imbiegħed mill-Imdina. Żgur li numru ta'nies kienu jgħixu f'dan ir-raħal ftit il-ġewwa mill-port ta' Marsaxlokk bħala sajjieda jew bdiewa. Allura b'hekk nistgħu naslu biex ngħidu, li għal kemm m'għandna xejn dokumentat bil-kitba, xi forma ta' kappella kienet teżisti u l-ewwel viċi-kurat għamel użu minnha.

Mal-medda taż-żmien, fil-katidral tal-Imdina twaqqfu l-ewwel tlett dinjitarji minn fost il-kanonċi bi prebendi miġbura mit-taxxi li kienu jħallsu l-Għarab li baqgħu jgħixu f'Malta. Wara fis-seklu 14 żdiedet ir-raba' prebenda iġifieri dik tal-kantur li kienet tinġabar mill-qbiela fuq ir-raba' u l-benefiċċji ta' madwar il-knisja ta' Santa Katarina fiż-Żejtun. Infatti l-ewwel kantur, li l-arma tiegħu tidher fis-sagristija ta' din il-knisja ġġib id-data ta' 1372, iġifieri 64 sena qabel ma' din il-knisja saret parroċċa u mhux iżjed knisja filjali tal-katidral tal-Imdina.

Fl-1436, l-Isqof Senatore de Mello waqqaf bħala parroċċa din il-knisja flimkien ma' disgħa oħra. Jidher li Santa Katarina kienet tgawdi popolarita u devozzjoni kbira fostna l-Maltin għax tnejn minn dawn l-għaxar parroċċi, kienu ddedikati lil din il-qaddisa ta' Lixandra - dik taż-Żejtun u l-oħra taż-Żurrieq. Din id-devozzjoni kompliet tikber matul is-snin, għaliex fl-1575 Mgr. Pietro Dusina waqt il-vista pastorali tiegħu li għamel fil-gżejjer maltin, minn fost l-414 il-kappella jew knisja li żar, sab 16 iddedikati lil Santa Katarina ta' Lixandra.

Din il-parroċċa kellha territorju bil-bosta akbar milli għandha llum. Il-parroċċa ta' Santa Katarina jew taż-Żejtun kienet tinkludi: Bisqallin, Bisbut, Ħal-Ġwann, Ħal-Ħarrat, Ħal-Tmiem, Ħal-Għaxaq, Ħaż-Żabbar u Marsaxlokk bil-port kollu sa' San Ġorġ f'Birżebbuġa. Minn dan it-territorju kollu llum il-ġurnata ħarġu u saru parroċċi : Ħaż-Żabbar fl-1615, Ħal-Għaxaq fl-1626, Marsaxlokk fl-1897 u Marsascala fl-1949. Ma nafux minn kien l-ewwel kappillan, biss nafu li fl-eqdem dokument insibu l-isem ta' Paolo Branchal bħala kappillan taż-Żejtun għas-sena 1492. Hekk bit-twaqqqif tal-parroċċa, ir-raħal taż-Żejtun u l-knisja ta' Santa Katarina sabu posthom fuq il-mappa ta' Malta u sakemm inbniet il-knisja il-ġdida ħafna drabi r-raħal taż-Żejtun kien magħruf bħala raħal Santa Katarina.

**Il-proċessjoni ta' San Girgor fiż-Żejtun**

Din il-proċessjoni antika li għada ssir sa llum meta bdiet ma' nafux. Il-Commendatore Abela kiteb dwarha bħala manifestazzjoni ta' kuluri bil-parteċipazzjoni ta' ħafna dinjitarji ekkleżjastiċi minn kull rokna ta' Malta, fil-jum tat-12 ta' Marzu, jum il-festa ta' San Girgor il-Kbir. Ħadd ma jaf ir-raġuni għaliex saret iżda hawn min jgħid li saret b'ringrazzjament lil San Girgor jew lil Santa Katarina għal xi rebħa tal-Maltin fuq l-għedewwa fl-1429. Oħrajn jgħidu li saret b'wegħda wara li Malta ħelset minn pesta qerrieda fl-1519 u hawn min jgħid li skond evidenza li ngħatat mix-xjuħ lil Mons. Dusina fl-1575, li din saret bħala ringrazzjament talli Malta ħelset mit-Torok qabel 1400, meta dawn kellhom jirtiraw

minħabba tempesta providenzjali. Iżda nafu ż gur, li l-isqof Domenico Cubelles fl-1543 ordna li din il-proċessjoni ssir mill-Imdina saż-Żejtun fuq skala nazzjonali fil-ġurnata tat-12 ta' Marzu f'jum il-festa ta' San Girgor. Skond l-stess digriet dan l-isqof ried li waqt il-proċessjoni jsir talb għall-paċi fost il-qawwiet fl-Ewropa u biex il-Papa jirnexxilu jagħmel ir-riformi neċessarji fil-Knisja.

Din il-proċessjoni għadha ssir sa llum fil-ġurnata ta' l-Erbgħa ta' wara l-festa tal-Għid il-Kbir iżda naqset ħafna mill-manifestazzjoni nazzjonali bil-parteċipazzjoni tal-parroċċi minn Malta kollha. L-aħħar li saret b'dik il-pompa kollha kienet fis-sena 1926 u minn dak iż-żmien 'l hawn bdiet it-triq tan-niżla. Dari tant kienet popolari li fil-kitba taż-żwieġ l-għarus kien jintrabat li jieħu l-maħbuba tiegħu għall-festa ta' San Girgor u l-Imnarja. Ilum il-proċessjoni tibda mhux iżjed mill-Imdina imma mill-knisja filjali ta' San Klement fiż-Żejtun sal-knisja parrokkjali u fl-aħħar sal- knisja l-qadima. Hija festa popolari marbuta mal-bidu tal-istaġun tas-sajf u mistennija miż-Żwieten għalkemm m'għadiex tiġbed daqshekk nies bħal qabel. Fil-proċessjoni llum jieħu sehem il-kapitlu tal-katidral flimkien mal-fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat. Għalija l-aktar mument storiku u affaxxinanti waqt din il-proċessjoni huwa, meta l-Arċisqof bħala kap tad-djoċesi Maltija flimkien mal-kapitlu metropolita jkanta l-antifona ta' Santa Katarina ta' Lixandra, patruna ta' l-istess parroċċa. Dan hu privileġġ uniku fost il-parroċċi kollha li tgawdi Santa Katarina u ż-Żwieten ta' kull sena.

**Knisja parrokkjali ġdida fiż-Żejtun**

Għal xi żmien bejn is-snin 1575 sa l-1614 il-knisja l-qadima sfat attakkata kemm-il darba mit-Torok u l-furbani. Hekk li nħasset il-ħtieġa li tingħalaq u tibda tintuża l-knisja ċkejkna ta' Santa Marija li hemm ir-raħal ta' fuq. Imma missirijietna xtaqu li jibnu knisja akbar bħal ma kien qed isir fis-Siġġiewi, fil-Birgu u fuq l-għolja ta' Xiberras. Huma riedu li din il-knisja tkun fiċ-ċentru bejn il-komunitajiet ta' Ħal-Bisbut u Bisqallin. L-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida tqegħdet fil-25 ta' Novembru 1692 mill-isqof Cocco Palmieri fuq firxa ta' art li ġiet mogħtija minn Gregorio Bonici. L-arkitett kien Lorenzo Gafa' (1630-1704). Meta l-bini kien tiela', kien hemm x'uħud li riedu li dan it-tempju ġdid ikun iddedikat li Santa Marija. Imma din l-idea ġiet imwarba biex ma tinħoloqx firda jew pika bejn iż-żewġ komunitajiet, għalhekk ġie deċiż li tkun iddedikata lil Santa Katarina avolja kien hemm knisja oħra fit-tarf tar-raħal iddedikata lil istess qaddisa. Kienet deċiżjoni għaqlija għaliex missirijietna ħassew ukoll li m'għandiex tinħall ir-rabta li kien hemm għal tant żmien bejn Santa Katarina u r-raħal taż-Żejtun. Fis-sena 1707 f'jum il-festa ta' Santa Marija, l-isqof Davide Cocco Palmieri ħa proċessjonalment is-sagrament mill-knisja l-qadima għall-knisja l-ġdida, li sa dak iż-żmien kienet għadha mibnija biss il-kursija.

Sadanitant dan l-istess isqof fid-29 ta' Ġunju 1709 ordna biex il-knisja l-qadima ta' Santa Katarina tiċċekken billi jinbena ħajt taħt l-arkata prinċipali u titwaqqa' l-kumplament tal-knisja. Iż da ż-Żwieten injoraw dik l-ordni u waqqgħu biss l-kappella ta' San Ġakbu li kienet tinfed mal-ġenb tal-knisja. Hawn illum ta' min jirringrazzja lil missirijietna li t-tempju storiku għadu magħna u fil-preżent għadu jintuża biex fih tiltaqa' l-komunita jew iż- żona msejħha 'San Girgor'.

Il-knisja l-ġdida ħadet żmien twil biex tinbena. Hija ġiet ikkonsagrata ħamsin sena wara fil-11 ta' Mejju 1742 u minn dak nhar il-quddiem kemm il-kleru kif ukoll il-parroċċani dejjem ħarsu l-quddiem biex iżejnu kif inhu xieraq dan it-tempju kapulavur ta' Lorenzo Gafa'. Ħafna huma dawk li jsejħu dan it-tempju bħala l-kattidral tax-xlokk ta' Malta. Huwa ġawra tal-arkitettura barokka imżejjen matul is-snin b'opri mill-isbaħ ta' artisti mill-aqwa. Kull ma' jinsab fih jirrefletti d-devozzjoni, qima u mħabba taż-Żwieten lejn il-patruna tagħhom Santa Katarina, li mhux ta' b'xejn aħna kburin biha.

**Il-Kavallieri, Santa Katarina u ż-Żejtun**

Minn meta l-kavallieri ta' San Ġwann ġew f'Malta, d-devozzjoni lejn din il-qaddisa żdiedet bil-bosta. Santa Katarina ta' Lixandra kienet il-protetriċi tal-kavallieri Taljani. L-isem ta' Katarina ma kienx assoċjat biss ma' xi knisja jew

kappella, imma kellhom sptar u opri tal-baħar bl-isem ta' din il-qaddisa. F'Malta kellhom knisja fil-belt Valletta u kappella fil-knisja konventwali ta' San Ġwann fil-belt l-ġdida. Il-kavallieri kienu jiċċelebraw kull sena il-festa ta' din il-qaddisa fil-25 ta' Novembru bis-sehem tal-Granmastru tal-Ordni.

Għalina ż-Żwieten l-akbar festa ta' Santa Katarina, li saret fiż-żmien il-ħakma tal-kavallieri, hija dik li seħħet fiż-żmien il-Granmastru Ferdinand von Hompesh fis-sena 1797. Dak inhar saret talba lil Granmastru biex jattendi għall-festa ta' Santa Katarina u dan minn naħa tiegħu bħala ringrazzjament b'digriet tat-30 ta' Novembru 1797, ir-raħal taż-Żejtun ġie mgħolli għal ġieħ ta' belt b'isem ta' Citta Biland, b'rispett u b'unur lejn ommu Isabella von Bylandt.

**Santa Katarina fil-qalb taż-Żwieten**

L-isem tal-qaddisa Santa Katarina ma bediex u ngħalaq bejn il-ħitan tat-tempji li nbnew għaliha fiż-Żejtun. L-imħabba u l-għożża taż-Żwieten lejn il-patruna tagħhom issibha fin-niċċeċ f'numru ta' toroq f'xi kantuniera, fl-ismijiet tad-djar madwar ir-raħal kollu, fil-kwadri, santi u statwetti tal-qaddisa fid-djar taż-Żwieten, fid-diversita' ta' ħafna bnadar li jittajru fuq id-djar f'jum il-festa u f'żewġ toroq prinċipali li huma msemmija għaliha. L-isem tal-qaddisa, li ġej mill-Grieg u li jfisser 'il-pura' jew 'il-verġni' huwa komuni fost il-familji Żwieten. Jista' jkun li llum l-isem bil-Malti 'Katarina jew Katarin' mhux daqshekk popolari, iżda xorta waħda ħafna tfal bniet jġibu isimha b'ilsna oħra bħal: Catherine, Karen, Karin, Katie, Kitty, Katia, Kathleen jew Catriona. Ta' min jinnota li meta xi ġenituri xtaqu li jkollhom lil xi ħadd minn uliedhom imsemmi għal Santa Katarina u ma setgħux għax uliedhom kienu kollha subien, kellhom jikkuntentaw b'għażla tal-isem ta' Xandru, Alexander jew Sandro li jfakkrek fil-belt ta' Lixandra fejn twieldet Santa Katarina.

**Santa Katarina fil-mużika, letteratura u drama**

Il-festa tar-raħal minn dejjem kienet il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet gad unur il-qaddisa patruna. Għalhekk matul is-snin numru ta' Żwieten ħaddmu t-talenti tagħhom biex ikabbru l-festa. Hekk insibu lis-Surmast Carlo Diacono (1876-1943) li kiteb kemm mużika sagra biex tindaqq waqt il-liturġija ġewwa l-knisja, kif ukoll innijiet għall-baned tar-raħal għal jum il-festa bħal 'Dei sacri Ministri' fl-1891 u 'O Santa Verginella' fl-1924. Insibu wkoll diretturi Żwieten ta' baned, bħal Hector Dalli, Joseph Barbara u Carmelo Baldacchino li kitbu diversi marċijiet biex jindaqqu fil-ġranet tal-festa u jżidu l-briju. Hawn nixtieq insemmi wieħed mill-kappillani li kellu ż-Żejtun, lil Can. Dun Pawl Ellul (1839-1851), li għalkemm ma kienx Żejtuni, irnexxilu jġib l-approvazzjoni minn Ruma ta' l-uffizzjatura propja u solenni għall-festa kollha ta' Santa Katarina. Dan seħħ fit- 22 ta' Ġunju 1854 mill-Papa Piju IX preċiżament 150 sena ilu. Kienet biċċa xogħol utli ħafna għaliex aktar 'l quddiem fuq il-kliem tal-l-innijiet u l-antifona saret il-mużika sagra li għadna nisimgħu sa llum.

Żwieten oħrajn urew id-devozzjoni lejn Santa Katarina bil-kitba tagħhom. Insemmi lil Dun Karm Galea, lil Joseph Mansweto u lil Emmanuel Palmier Ceci li kitbu diversi sunetti jew poeżiji, sena wara oħra għal jum il-festa. Hawn jixraq li insemmi lil Dun Joe Abela, li b'imħabba u dedikazzjoni lejn raħal twelidu u l-patruna Santa Katarina kiteb u għadu jikteb ħafna artikli storiċi li huma imfittxija mhux biss miż-Żwieten iżda ukoll minn ħafna nies li tinteressahom l-istorja ta' Malta. Nispera li xi darba din il-kullana ta' ġrajjiet storiċi jinġabru fi ktieb.

Ma' jonqosx ukoll li l-ħajja ta' Santa Katarina, sabet ruħha fuq il-palk. Niftakar tajjeb, li meta kien joqrob ix-xahar ta' Novembru, l-kumpanija drammatika fi ħdan il-Juventutis Domus, kienet ittela' d-dramm ta' Santa Katarina. Kien dramm minsuġ fuq il-ħajja tal-qaddisa, li għalkemm kien jsir kull sena, dejjem kien jiġbed ħafna nies. Hija tassew ħasra li llum dan id-dramm m'għadux issir u l-ebda idea oħra drammatika ma' qatt ħadet postu. Nixtieq li xi darba jibda jsir xi ħaġa drammatika fuq Santa Katarina, xi ħaġa simili bħal ma' qed jsir fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira miż-żgħażagħ tal-każini tal-banda u xi għaqdiet oħra fir-raħal tagħna.

**Santa Katarina u xi għejdut popolari fost iż-Żwieten**

Fil-martirju ta' Santa Katarina ntużat ir-rota bi xfafar kbar li meta kienet ddur kienet tqatta' il-ġisem ta'min jkun marbut magħha. Ir-rota hija l-aktar ħaġa li tispikka fl-arma ta' din il-qaddisa. Ix-xjuħ antiki kienu jsejħu lil din il-qaddisa bħala 'Santa Katarina tal-Venturi', probabilment venturi flok vetturi, li tfisser tal-karettuni jew karozzelli. Għalhekk ħafna Żwieten kienu jemmnu li nhar il-festa ta' Santa Katarina, kienu jħallu fil-ġenb kull makkinarju li fih xi rota, għax kienu jibżgħu minn xi diż ġrazzja. Forsi tgħidu li din hija superstzzjoni. Iżda kultant żmien jissemma dak l-inċident ta' dik il-mara li nhar il-festa ta' Santa Katarina marret għand it-taħħan ġewwa l-mitħna li kien hemm Bir-id-Deheb u riditu jidħnilha l-qamħ u dan ma riedx għax kien jemmen f'dak l-għejdut. Imma ġara li dan ħenn għaliha u din waqt li kienet qed tferra l-qamħ, b'mod aċċidentali l-libsa nqabdet mal-makkinarju u sfat fgata.

Meta l-festa kienet issir fix-xahar ta' Novembru, (meta kien aktar possibli li traxxex ix-xita) u l-festa kienet tirnexxi għax kien joħroġ bnazzi, spiss kont tisma' speċjalment minn fomm xi Bormliż li, 'la darba ħarġet is-Seftura toħroġ is-Sinjura'. Iżda mill-esperjenza li għandi u niftakar tajjeb, li mhux l-ewwel darba li fil-festa ta' Santa Katarina ħareġ bnazzi u fil-Kunċizzjoni għamel maltemp. Imma jgħidu x'jgħidu l-Bormliżi, tajjeb li niftakru li 'xemx u xita Alla biss jaf meta'. Ma rridx ninsa nsemmi, li kemm-il 25 ta' Novembru kif ukoll it-8 ta' Diċembru huma t-tnejn jum il-festa ta' Santa Katarina ta' Lixandra. Dan għaliex filwaqt li l-25 ta' Novembru hija l-festa ta' Santa Katarina skond il-kalendarju Ruman, it-8 ta' Diċembru hija l-festa ta' Santa Katarina skond il-kalendarju ta' Ġulju li fuqu timxi l-knisja Ortodossa.

Espressjoni oħra konnessa ma' Santa Katarina hija, 'Santa Katarina zinn zinn zinn'. Mhix espressjoni fost iż-Żwieten biss, imma normalment tingħad meta xi ħadd jsemmi l-isem ta' Santa Katarina u ħadd ieħor pront ikomli l-frażi 'zinn zinn zinn'. Jiena naħseb li din ġejja mil-fatt, li fl-antik l-festa ta' Santa Katarina kienet issir bil-briju u bid-daqq ta' xi strumenti mużikali u l-Maltin li kienu jiġu għall-festa kienu jistennew li jsibu dan il-briju, li ħafna drabi ma kienx jeżisti f'irħula oħra.

**Pellegrinaġġi ta' Żwieten lejn is-Sinai**

Kienet tassew inizjattiva sabiħa ħafna, li mill-parroċċa taż-Żejtun bdew isiru pellegrinaġġi lejn is-Sinai. L-ewwel wieħed sar meta Dun Alfred Vella kien Arċipriet taż-Żejtun. Dawn il-pellegrinaġġi lejn il-fdalijiet ta' Santa Katarina li jinsabu fil-monasteru fuq il-muntanja Sinai, għandhom isaħħu mhux biss d-devozzjoni lejn il-qaddisa iżda ukoll għandhom ikomplu jkabbru r-rabta bejn iż-Żejtun u l-monasteru tas-Sinai . Kienet idea sabiħa ħafna li bħala għeluq tal-festi Ċentinarji mill-mewt ta' Santa Katarina ta' Lixandra jsir pellegrinaġġ lejn is-Sinai miż-żewġ parroċċi taż-Żejtun u taż-Żurrieq flimkien. Dan sa jsir fil-bidu ta' Diċembru, fejn hemm fit-8 ta' l-istess xahar, ssir l-festa ta' Santa Katarina mill-patrijiet Ortodossi.

Nixtieq nagħlaq biex ngħid l-aħħar kelma dwar iċ-Ċentinarju, is-17-il mitt sena mill-mewt ta' Santa Katarina. Nispera f'Alla li dak kollu li ħa jsir ikompli jsaħħaħ il-komunita parrokkjali, li l-familji jkomplu jgħożżu l-valuri nsara u fil-ġranet ta' festa nifirħu lkoll flimkien f'għaqda bħala familja waħda kif tixtieq il-patruna tagħna Santa Katarina.

***Joe Mercieca***
***23 ta' Jannar 2005***

**Referenzi:**


1. M.Righetti - Storia Liturgica Ed. 2 Milano 1950 vol. 1.
2. Rev. Mons. A. Bonnici - History of the Church in Malta.
3. Rev Seraphin Zarb & Mario Buhagiar - St. Catherine of Alexandria.
4. Rev Prof. Andrew Vella - Storja ta' Malta.
5. Walter R . Zahra - Storja taż-Żejtun.
6. Kitba ta' Rev. Can. Joe Abela 'Tlett kappillani li għamlu ġieħ lil Bormla fiż-Żejtun'.


***Grazzi lill-Kunsill Lokali li tana l-permess nippubblikaw din il-kitba***